MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2013

Numru. 515/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**JOHN BUSUTTIL iben Michael u Olga Schembri, imwieled Tal-Pieta' nhar l-1 ta' Novembru, 1958, residenti fil-fond Ta' Giovanna, Triq l-Egrett Isfar, Luqa, detentur tal-karta tal-identita' numru 0711758M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **John Busuttil** li gie akuzat talli:

a. Nhar il-31 ta' Dicembru, 2006 u l-1 ta' Jannar, 2007, ikkommetta serq ta' oggetti ghad, liema serq huwa

kkwalifikat bil-hin, mezz, u bil-valur, liema valur huwa aktar minn Lm1,000.00;

b. U aktar talli fl-istess data u fil-granet ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom;

c. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anna Maria Busuttil, u dan kif iccertifikat minn Dr C Brincat MD;

d. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, gab ruhu: (a) b'mod li ta fastidju lil persuna ohra, u b'mod li kien jaf jew kien missu jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna;

e. U aktar talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' taghha, jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna mesmmija fl-Artikolu 222(1);

f. U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm500.00.

g. U aktar talli kiser kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta nhar il-5 ta' Gunjuk 2006.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':
a. Fl-Artikolu 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264, 269(g), 270, 278(3), 279(b), u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikolu 214, 215, 221(1) u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-Artikolu 251A u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. Fl-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f. Fl-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imptuat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat ix-xhieda kollha migjuba.

Ikkunsidrat:

Illi fi zmien tal-akkuzi in dezamina, l-akkuzat u martu kienu ghaddejin minn proceduri ta’ separazzjoni personali xi ftit belligeranti. Illum dawn il-proceduri gew estinti u ezawriti in kwantu l-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali ezebit fl-atti a folio 223, li fih irrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-kawzi kriminali li ghandhom kontra taghhom.

Illi jirrizulta mix-xhieda kemm tal-istess mart l-imputat Anne Maria Busuttil u anke l-habiba tal-imputat certa Annabelle Camilleri Monreal illi l-imputat fil-fatt mhux talli dahal fid-dar tal-istesss Sinjura Busuttil billi kisser il-bieb ta’ barra, imma anke sawwat lil martu meta din sabitu go darha. Jirrizulta wkoll mix-xhieda taz-zewg pulizija li xehdu – PS 151 Micallef u PS 92 Godano, illi dan is-swat ma rawhx. Jirrizulta wkoll mic-certifikati ezebiti li Anne Marie Busuttil sofriet griehi ta’ natura hafifa, ghalhekk rinunzjabbli. Illi gew ezebiti ricevuti tal-ispejjez inkorsi mill-parte leza tad-dannu rekat fid-dar mill-imputat. Ghalhekk Wilfred Bonavia xehed illi ghamel xoghol fuq bieb ta’ barra lill-konjugi Busuttil, spjega li dan kien mifqugh, li kellu marki ta’ lieva u daqqiet ta’ mazza u fuq il-panewiet. Anke ghamel xoghol ta’ tiswija fuq bieb tat-toilet. Ikkonferma l-ircevuta tax-xogholijiet ghall-ammont ta’ €835.

Minn naha tieghu Goerge Vassallo kkonferma li huwa qata’ skaluna miksura minn naha tal-bieb ta’ barra.

Ikkonferma ghalhekk l-invoice a folio 193 ghall-ammont ta’ Lm103.00  ghax-xoghol maghmul.

L-ispejjez ta’ danni allura ppruvati jammontaw ghal Lm938.00 – allura dan ir-reat jaqa’ fl-ambitu tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk mhux rinunzjabbli.

Rat illi milli provi prodotti ghalhekk, l-unika reat pruvat sal-grad li trid il-Ligi huwa dak taht l-Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Fil-kumplament qed jigi liberat in kwantu mhux sufficjentement pruvati.

Issibu hati ghalhekk taht l-imsemmi Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sena u nofs sospizi ghal 3 snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, anke tenut kont tal-fedina penali tieghu.

Rat ukoll l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tordna lill-imputat illi fi zmien sitt(6) xhur mill-lum ihallas lil martu (illum minnu separata) Anne Maria Grech, is-somma ta’ €2,185.54.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------